MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2006

Numru 99999/9999

Il- Pulizija
(Spettur Carmelo Bartolo)

-vs-

Nazzareno sive Reno Zarb

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Reno Zarb ta’ 34 sena, iben Anthony u Tessie nee’ Gatt, imwielda Pieta’ nhar it- 23 ta’ Awissu 1971 u li joqghod “St. Catherine”, Flat 6, Block A, Triq il- Munxar, Marsascala, detentur tal-karta tal- identita bin- numru 375571(M).

Talli nhar il- 25 ta’ Mejju 1992, f’ xi hin bejn is- 6.45 ta’ filghodu u il- 11.30 ta’ filghodu, waqt li kien f’ Hal Qormi ikkommetta serq ta’ diversi ogetti fosthom deheb u flus, liema serq huwa kkwalifkat bil- mezz, lok u valur li jiskorri

l- elf lira Maltija, sar ghad- detriment ta’ Julia Cortis minn Hal Qormi.

Talli f’ dawn il- Gzejjer, fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li ma tiskorrix il- valur ta’ hamsin lira Maltija, saret ghad- detriment ta’ Julia Cortis minn Hal Qormi.

Talli fl- istess data, u cirkostanzi, f’ dawn il Gzejjer, sar ricediv “ai termini” tal- artikoli 49, 50, u 289 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta wara li gejt misjub hati b’ sentenzi moghtija mill- Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Rat in- nota ta’ l- Avukat Generali.

Rat li l- akkuzat ma oggezzjonax li l- kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja minn din il- Qorti.

Ikkonsidrat,

1. L- Avukat tar- Republika qed jakkuza bir- reati taht l- artikoli 261 li jsemmi kif is- serq jista’ jkun kkwalifikat, fosthom is- subinciz (b) bil- mezz, is- subinciz (c) bil- valur, (e) bil- lok. L- aritkolu 263 ifisser kif is- serq ikun kwalifikat bil- mezz, l- artikolu 264 ifisser kif is- serq ikun kwalifikat bil- ksur, l- artiklu 265 ifisser il- kliem ‘imfietah foloz’, l- artikolu 266 ifisser il- kelma ‘skalata’. L- artiklu 267 hu dwar serq ikkwalifikat bil- ‘valur’, L- artikolu 269 hu dwar serq kkwalifikat bil- ‘lok’, l- artikolu 278 hu dwar il- piena ghal serq ikkwalifikat bil- mezz. L- artikolu 330 isemmi id- dhul b’ abbuz gewwa fondi; L- artikoli 279(b), 280, 281, 289, 49, 50, 31, huma dwar il- konfiska tal- *corpus delicti*, l- artikolu 533 hu dwar hlas ta’ spejjez peritali.

2. Quddiem il- Qorti xehedet Julia Cortis li fil- 25 ta’ Mejju 1992 harget minn darha ghall- habta tas- 7.00am., giet lura fl- 10.30/11.00a.m, u sabet il- bieb tad- dar sgassat. Sabet nieqes television, portable radio, cassette radio, video recorder, c- curekett tat- tieg u xi

gizirani. Il- hsara kienet ta' madwar hamsin lira Maltija (Lm 50) Apparti li sar zball tat- tipa u flok Lm 5 tnizzel Lm 50 billi mill- process verbal tissemma hsara ta' Lm 6 biex saret serratura gdida. Mill- process verbal fejn id- derubata esebiet lista ta' oggetti misruqa jirrizulta li l- hwejjeg misruqa kienu tal- valur ta' Lm 1080.

3. Minn fuq il- post il- pulizija hadet sinjali ta' l- idejn u swaba. 'Il- lifters' originali ntilfu u l- pulizija kellha tuza ritratti taghhom. Il- kuntistabbli Jeffrey Huges, Scene of the Crime Officer, li xehed quddiem il- Qorti qal li meta l- lifters u r- rapport tieghu ma nstabux huwa ha r- ritratti. Fisser li

'il- lifter huwa bicca plastic trasparenti mwahhla fuq hardback' 'li tista' tiddahhal' go computer u jkollna ritratt permezz ta' scanner;'

Din il- Qorti hatret lil P.S. Edgar Dalli biex jiehu s- sinjali tas- swaba ta' l- akkuzat u lil P.L. Juliana Scerri Ferrante biex tqbbel dawn ir- ritratti ta' dawk li instabu fid- dar ta' Cortis.

4. Mir- relazzjoni tal- P.L. Scerri Ferrante minn tlett ritratti wiehed hareg pozittiv.

'illi din l- impronta digitali 'giet enhanced' permezz ta' scanner u setghu jigu indikati l- erbatax il- punt karatteristici li qablu mas- seba l- kbir lemini ta' Nazzareno Zarb, indikat fil- formola ta' l- impronit digitali ta' l- istess Nazzareno Zarb." Hi "ipproduciet ingrandiment tas- seba l- kbir lemini ta' Nazzareno Zarb…. u indikat l- erbatax il- punt karatteristici li jaqblu mal- erbatax il- punt indikati fir- ritratt 920748000102 li juri impronta digitali."

5. Kif Huges kellu kopja tar- rapport tieghu ghamel kopja tar- ritratti li kellu qabel. Il- Qorti jidrilha li dak li sar b' mezzi ta' computer u scanner saru sewwa. It- teknologija b' dawn il- mezzi mxiet il- quddiem.

6. Dwar fingerprint il- Qorti taghmel referenza ghas-sentenza in re ‘Il- Pulizija vs Anthony Abela’ (28/05/1998, App.)

“Kien a bazi ta’ din il- prova, l- unika wahda, li ttiehdu passi kriminali ….

F’ cirkostanzi normali, huma veru u minnu li tali prova hija sufficjenti sabiex il- Qorti issib htija, izda bhal kull kaz bhal dan, fejn l- unika prova hi dik ta’ l- impronti digitali, jimmerita konsiderazzjoni separata minn kull kaz iehor.

Huwa veru dak li qed jghid l- appellant li l- prova tal-fingerprint ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l- oneru tal- prova tal- prosekuzzjoni u legalment mhux necessarju li jkun hemm xi korroborazzjoni tal- prova billi l- istess prova wahedha ghanda twassal ghall- htija tal- persuna akkuzata.

Izda jidher hawn li l- appellant (l- Avukat Generali) qed jiggeneralizza wisq u dak li qed jghid ma jistax jigi applikat f’ kull kaz b’ mod assolut…”

Il- Qorti ghamlet distinzjoni dwar fingerprints li jinsabu f’ postijiet pubblici (hanut, knisja, cinema, hwienet tax- xorb, diskoteki) li fihom imorru hafna nies u dawk li jinsabu f’ dar.

“Kienet tkun haga ferm differenti li kieku l- post derubat kien xi residenza private u jigi stabbilit li s- suspettat li nstabu l- impronti digitali tieghu, fuq il- post, qatt ma kien dahal fih u li d- derubat qatt ma kien jafu jew li kien dahhlu fir- residenza teighu. F’ dan il- kaz, il- prova tal-fingerprints wahedha hija sufficjenti biex il- Qorti ssib htija. Izda fil- kaz ta’ postijiet pubblici, din il- prova tinnecessita korroborazzjoni…”

7. Il- Qorti ser toqghod fuq l- opinjoni ta’ l- espert minnha mahtur li hi indipendenti mill- Korp tal- Pulizija hi teknikament imxiet kif isir is- soltu meta jittiehdu sinjali tas-swaba. (ara ‘Il- Pulizija vs Carmel Attard’, App. 23/11/1998) u ghamlet it- taqbil u sabet impronta pozittiva.

Cortis ma tafx lill- akkuzat, qatt ma dahal f' dara, qatt ma hadem ghandha. Daqsekk huma il- provi li ghandha quddiema din il- Qorti. Impronti digitali li nstabu fejn twettaq ir- reat tas- serq li jaqblu ma' ta' l- akkuzat. Ghalhekk l- akkuzat wettaq ir- reat ta' serq. Barra dan gew esebiti zewg sentenzi moghtija mill- Qorti tal- Magistrati fid- 9 ta' Dicembru 1991 u fis- 27 ta' Jannar 1992 fejn l- akkuzat instab hati u ghalhekk hu ricediv.

8. L- akkuzat hu hati ta' serq kkwalifikat bil- mezz, bil- valur u bil- lok u huwa recediv. Akkuza fuq il- hsara ma saritx. L- akkuzat ma hux hati ta' ricettazzjoni u ghalhekk fuqhom qed jigi liberat.

Rat l- art 261(b)(c)(e), 263, 264, 265, 267, 269, 278, 279(b), 280, 289, 49, 50, 31 tal- Kap 9, tikkundanna lill- akkuzat li hu hati kif fuq imfisser ghal sena prigunerija. Billi l- art 533 sar aktar gravuz milli kien met twettaq ir- reat il- Qorti tichad it- talba ghall- hlas ta' jeddijiet u spejjez tal- perizja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------